



Dokument ta' sessjoni

B8-0272/2017

20.4.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

on the situation in Venezuela
(2017/2651(RSP))

Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela
(2017/2651(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Venezwela,
 - wara li kkunsidra l-aħħar Dikjarazzjoni tal-Kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, dwar l-avvenimenti li seħħew fil-Venezwela fit-30 ta' Marzu 2017,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-30 ta' Marzu 2017, il-Qorti Suprema tal-Venezwela ddeċidiet, fid-deċiżjonijiet tagħha 155 u 156, tiegħu f'idejha l-kompetenzi tal-Assemblea Nazzjonali u tillimita l-immunità tal-membri tal-Assemblea, li huwa ġġustifikat bħala mezz li jiġi ppreżervat il-bilanċ bejn il-ħames setgħat tal-Istat tal-Venezwela;
- B. billi fil-31 ta' Marzu 2017, il-Kunsill għad-Difiża Nazzjonali talab b'suċċess lill-Qorti Suprema tal-Venezwela biex tirrevedi dawn id-deċiżjonijiet u terġa tagħti lura l-kompetenzi u d-drittijiet kostituzzjonali tal-Assemblea;
- C. billi żdiedet il-vjolenza fit-toroq tal-Venezwela, bi skontri li faqqgħu f'manifestazzjonijiet favur il-gvern u l-oppożizzjoni li wasslu biex jindarbu n-nies;
- D. billi d-dinamika ta' konfrontazzjoni permanenti miż-żewġ naħat ma tippermettix soluzzjoni li tistabbilizza li hija demokratikament leġittimizzata mill-pajjiż;
1. Huwa ferm kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti Suprema tal-Venezwela fit-30 ta' Marzu 2017 u jappoġġja r-reviżjoni tagħhom, skont l-impenn meħud l-għada mill-Kunsill tad-Difiża Nazzjonali; jistieden lill-Assemblea Nazzjonali terġa' tikseb u teżerċita bis-sħiħ id-drittijiet kostituzzjonali u l-kompetenzi kollha tagħha;
 2. Jistieden lill-partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv sabiex ikun jista' jerġa' jkun hemm funzjonament normali u bilanċ tas-setgħat tal-istituzzjonijiet Kostituzzjonali; jistieden lill-Assemblea Nazzjonali issib soluzzjoni għat-tliet membri eletti kkontestati tal-Assemblea;
 3. Iħeġġeġ il-promozzjoni u l-istabiliment ta' djalogu nazzjonali bil-mezzi paċifiċi kollha, inkluż bl-involvement tal-forzi kollha rilevanti, sabiex tinstab soluzzjoni konsenswali għall-interessi konfliġġenti fil-Venezwela u biex issolvi kwalunkwe tilwim bejn id-diversi fergħat tas-setgħa pubblika fi spirtu ta' fiduċja;
 4. Jistieden lill-atturi kollha ġewwa u barra l-pajjiż, biex josservaw prudenza u paċenzja u joqogħdu lura minn kwalunkwe att jew sejħa ta' vjolenza, li tkompli tiddestabilizza u finalment twaqqaf ħesrem il-pajjiż;
 5. Jistieden lill-atturi politiċi barra l-Venezwela sabiex jevitaw li jużaw is-sitwazzjoni fil-

pajjiż għal skopijiet politiċi nazzjonali;

6. Huwa tal-fehma li l-istabbiltà politika u soċjali tal-Venezwela hija fattur deċiżiv għas-salvagwarda tal-paċi fir-reġjun kollu;
7. Huwa konvint li l-medjazzjoni paċifika internazzjonali hija l-unika triq kostruttiva 'il quddiem; jappoġġja bis-sħiħ, f'dan ir-rigward, l-inizjattiva meħuda minn żewġ ex Presidenti tar-Repubblika Dominikana u tal-Panama, Leonel Fernández u Martín Torrijos, u l-ex Prim Ministru ta' Spanja, José Luis Rodríguez Zapatero, kif ukoll mill-Papa Franġisku, bi qbil mal-UNASUR;
8. Jappoġġja l-isforzi tal-VP/RGħ Federica Mogherini, li talbet eżitu paċifiku għas-sitwazzjoni diffiċli attwali u sabiex jerġa' jkun hemm stabbiltà politika, filwaqt li jhegġegħ rispettt sħiħ lejn il-Kostituzzjoni;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-awtoritajiet tal-Venezwela u lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana.